MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2873/2002

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Daniel Massa u martu Mary Massa**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u erbgha u hamsin lira Maltin (Lm454) rappresentanti l-import ta' hames kambjali, erbgha ta' Lm98 il-wahda u wahda ta' Lm62, debitament accettati u skaduti minn Marzu 2000 sa Lulju 2000 rispettivament u mhux mhallsa, annessi ma'l-avviz u immarkati bhala Dokumenti 1 sa 5 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv u bl-ispejjz inkluzi

(Lm6.00) tal-konsult legali, kontra l-konvenuti, ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenutiipprezentata fil-11 ta' Frar 2003, fejn huma ecceppew:
1. Illi l-konvenut hallas kull ma kien tenut li ihallas lill-kumpanija attrici.
2. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, l-attur irrinunzja ghal kambjali in kwistjoni.
3. Illi, inoltre, u bla pregudizzju, l-konvenut huwa konsumatur u f'tali vesti akkwista vettura, in forza ta' liema akkwist inharrgu l-kambjali. Din il-karozza illum tinsab imhallsa kompletament.
4. Illi, l-konvenut ma ghandu jaghti xejn lill-atturi.

Sema' x-xhieda tal-konvenut, u ta' Shaun Cini, kif ukoll ta' Marcel Avellino in rappresentanza tas-socjeta attrici.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi din il-kawza titratta il-hlas ta' hames kambjali debitamenti accettati da parti tal-konvenuti, liema kambjali immaturaw u baqghu ma thallsux. Illi mill-provi prodotti irrizulta illi dawn il-kambjali inharrgu bhala konsegwenza ta' negozju ta' bejgh/xiri ta' vettura mis-socjeta attrici lill-konvenuti u dana kif jirrizulta mid-Dokument MA1 esebit a fol.62 tal-process. L-ammonti indikati fis-36 kambjala li inharrgu (35 ta' Lm98 il-wahda u l-ahhar wahda ta' Lm62), kienu ghalhekk ikopru il-hlas tal-kapital flimkien ma'l-imghaxijiet mahduma fuq medda ta' 36 xahar, flimkien mal-*collection fees*.

Gara madanakollu illi l-konvenuti wara li hallsu tlett kambjalijiet (f'Awissu, Settembru u Ottubru 1997), iddecidew illi isaldaw l-ammont kollu dovut f'salt sabiex b'hekk huma hallsu l-ammont ta' Lm2548 f'Novembru 1997, liema ammont gie indikat mis-socjeta attrici stess lill-konvenut Massa bhala l-bilanc li kien ghadu dovut.

Jidher illi ghalkemm kien sar dan il-pagament dan ma kienx ikopri il-hlas ta'l-imghaxijiet dovuti fuq il-perijodu tas-36 xahar u ghalhekk wara li sar dan il-pagament kien ghad fadal bilanc dovut ta' Lm276.81 (ara Dokument DM6 a fol.39, u Dokument SC1 A fol.58). Ghalhekk fuq talba tas-socjeta attrici, l-konvenuti hallsu zewg kambjalijiet ohra ta' Lm98 il-wahda f'Dicembru 1997 u f'Jannar 1998, sabiex b'hekk kien ghad fadal bilanc ta' Lm87.06. Ghalkemm l-konvenuti gew avzati illi kien ghad fadal bilanc dovut u li kien ghad hemm hames kambjali ghadhom pendenti (il-kambjali mertu ta' din il-kawza), l-konvenuti xortawahda ma riedu ihallsu l-ebda bilanc ghalkemm is-socjeta attrici kienet offriet illi lill-konvenuti illi ihallsu l-imghaxijiet dovuti sa dik il-gurnata fuq il-bilanc dovut u tinhafer is-somma ta' Lm280 li kien jirrappresenta l-imghaxijiet dovuti fuq il-medda ta' 36 xahar li fihom l-konvenuti kellhom jaffettwaw il-pagament. Din l-offerta maghmula mis-socjeta attrici lill-konvenuti kellha tibqa valida sal-15 ta' Frar 2001, izda peress illi l-konvenuti irrifjutaw li ihallsu dan l-ammont, allura l-ahhar hames kambjali ma gewx irritornati lilhom.

Ikkunsidra,

Illi ghalkemm realistikament jirrizulta illi l-ammont dovut mill-konvenuti huwa effettivament dak indikat fid-Dokument SC1 u cioe' Lm87.06 flimkien ma'l-imghaxijiet dekoribbli minn Jannar 1998 fuq dan l-ammont ta' madanakollu jirrizulta ukoll illi ghad hemm hames kambjali, debitament accettati mill-konvenuti u li immaturaw minn Marzu sa Lulju 2000, (Dokumenti 1 sa 5 annessi ma'l-avviz) li ghadhom ma thallsux mill-konvenuti.

Illi n-natura guridika tal-kambjala hija tali illi ma'l-iffirmar ta'l-istess hija tassumi karattru indipendenti u awtonoma min-negozju guridiku illi ikun ta' lok ghat-twelid tal-kambjala. Il-kambjala huwa kuntratt fih innifsu separat u distinta mill-*causa-obligationis* li jinsab abbazi taghha. Malli l-partijiet jiffirmaw dik il-kambjala, huma ikunu qeghdin jassumu d-dejn indikat fl-istess. Madankollu meta kambjala ma tkunx giet iggirata l-ligi tippermetti lid-debitur f'azzjoni kambjarja, li jissolleva eccezzjonijiet mhux biss

hekk imsejjha “reali”, izda anke dawk perosnali, purche l-istess ma ikunux jenhtiegu xi indagini fit-tul (ara Artikolu 197 u 198 tal-Kodici tal-Kummerc). Dawn l-eccezzjonijiet junkludu il-pagament u ir-rinunzja bhalma qieghed jigi eccepiet fil-kaz odjern.

F’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-21 ta’ Novembru 1940 fil-kawza fl-ismijiet “Edgar Staines nomine vs Henry Trapani gie stabbilit li f’certu kazijiet eccezzjonijiet personali jistghu jigu sollevati fl-azzjonijiet kambjarji. “Il-kumpensazzjoni, bhala pagament, jew il-mahfra totali jew parzjali tal-ammont kambjarju, hija wahda minn dawn l-eccezzjonijiet personali kapaci li jimmodifikaw jew jeskludu, skond il-kazi, l-esercizzju ta’l-istess azzjoni kambjarja.”

F’dan il-kaz, bhal kaz presenti, il-kambjali ma kienux gew iggirati u kienu ghadhom fil-pussess tal-kreditur kambjarju. Illi l-Prim’Awla tal-Qorti Civili f’sentenza moghtija fit-18 ta’ Frar 2004 fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Carmel Ray Micallef marret oltre u sahansitra sostniet illi l-kambjala tassumi il-karattru awtonomu u indipendenti taghha hekk kif l-istess tigi girata u dana peress illi t-terz possessur li ma ikunx ha sehem fin-negozju ta’ bejn il-firmatarji originali tal-kambjala ma ghandux jigi ippregudikat minhabba kwistjonijiet li jistghu jolqtu il-*causa-obligationis* li tkun tat lok ghat-twelid tal-kambjala.

It-Tribunal ma jistax jaqbel ghal kollox ma dan ir-ragunament u dana peress illi l-kambjala tassumi l-aspetti legali taghha hekk kif titwieled, liema karatteristici ma jistghx jigu rimandati ghal girata jew inkella jibqghu ma jigu assunti qatt jekk l-istess kambjala ma tkunx giet iggirata.

Madankollu peress illi f’dan il-kaz, il-kambjali mertu tal-kawza ma gewx iggirati, kwindi gialdarba l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ma kenux jenhtiegu ezami fit-tul u l-provi f’dan ir-rigward gew prodotti b’mod ezawrenti, it-Tribunal sejjer ighaddi sabiex jiddetermina l-istess.

Illi l-eccezzjoni ewlenija li qeghdin jissollevaw il-konvenuti hija illi l-ammont huwa illum imhallsa u ghalhekk ma huwiex dovut. Illi minn ezami tad-dokumenti u tax-xhieda, irrizulta illi meta l-konvenuti effetwaw l-ahhar pagament f'Jannar 1998, kien ghad fadal bilanc dovut ta' Lm87.06, fuq liema ammont baqghu jiddekorru l-imghaxijiet. Illi ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenuti hija wahda fondata, in parti, peress illi l-ammont li huwa dovut effettivament ma huwiex dak indikat fil-kambjali, izda ferm inqas.

Illi anke t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u cioe' tar-rinunzja da parti tas-socjeta attrici ghal kambjali mertu tal-kawza, hija wahda gustifikata u dana peress illi mill-provi jirrizulta illi s-socjeta attrici kienet irrinunzjat ghal kambjali mertu tal-kawza ghalkemm l-istess rinunzja kienet marbuta ma' perijodu ta' zmien (ara Dokument DM2 a fol.28 tal-process). Mix-xhieda kemm ta' Marcel Avellino, kif ukoll ta' Shaun Cini, jidher car illi peress illi l-konvenuti kienu hallsu l-ammont dovut qabel iz-zmien miftiehem (u cioe' wara biss 3 xhur), l-ammont dovut fuq il-kambjali mertu tal-kawza, li kien jirrappresenta l-imghaxijiet dekoribbli fuq il-kapital ghal perijodu ta' 36 xahar, ma kienx ser jintalab u dana peress illi fl-ahhar mill-ahhar l-istess ma kienx dovut! Illi l-istrument tal-kambjala ma ghandux jintuza mill-kummercjant bhala arma sabiex jithallas mill-konsumatur, li hafna drabi ikun ghal kollox injar minn dak li ifisser l-import ta' kambjala, anke meta ma ghandux dritt jircevi l-istess hlas ghaliex altrimenti dana ikun kaz ta' arrikiment indebitu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi, billi filwaqt li jilqa' in parti l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, jilqa' in parti ukoll it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici is-somma ta' Lm87.06, bl-imghaxijiet dekoribbli mill-1 ta' Jannar 1998.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------